SEEING THE WORLD THROUGH NATURE

## SCHOOL WORK SHEETS

## BLOCK 2:

# NIMIRĦU FIL-ĦARIFA





## Download the project's app

To complete some of the tasks outlined in the school work sheets you will need our special smartphone app.
To download this app, please go to the online app store (App Store for iOS or Google Play for Android)
and enter the name "Meet the Birds" in the search field.

Co-funded by the
Erasmus+ Programme
of the European Union



# BLOCK 2
# NIMIRĦU FIL-ĦARIFA

**Informazzjoni bażika:** Tajjeb li fil-klassi jkun hemm imdendla, kemm il-mappa tad-dinja kif ukoll mappa ta' Malta. Nissuġerixxu li jkun hemm ukoll globu, xi boxxli kif ukoll silwetti ta' xi għasafar mal-ħajt. Tajjeb li jkun hemm kompjuter b'aċċess għall-internet u projector.

Għal tfal neqsin mid-dawl u neqsin mis-smigħ, nissuġerixxu l-użu ta' tactile maps. Dawn il-mapep jistgħu jinħolqu permezz ta' Braille embosser/printer. Jekk għalliema ma jkollhiex aċċess għal dan it-tagħmir, tista' toħloq dawn it-tactile maps b'materjali li ssib madwarha: ħbula, spag, biċċiet tal-karti, eċċ., li twaħħal bit-tejp ma' karta jew kartonċina.

| DETTALJI TAL-PROBLEMA | Kif tagħraf għalfejn l-għasafar ipassu. Liema għasafar jitilqu fix-xitwa u liema jaslu fix-xitwa? | Liema rotot jużaw l-għasafar meta jpassu? Kif isibu triqthom il-bnedmin u l-għasafar? Il-passa tista' tkun perikoluża għall-għasafar? |
|---|---|---|
| **Attivitajiet li jistgħu jsiru barra** | Qabel ma l-għasafar jitilqu lejn l-inħawi fejn se jqattgħu x-xitwa, jagħmlu tfittxija metikoluża għall-ikel u provvisti sabiex itellgħu biżżejjed riservi ta' xaħam għall-vjaġġ tagħhom. Huma jinġabru qtajja' – dan jista' jintuża bħala topik għad-diskussjoni mal-istudenti. L-għalliema tista' tuża din is-sezzjoni għal xogħol ma' **S2/A/1** studenti li huma "partially sighted". | Logħba ta' orjentament fil-kampanja **(2/B/1)** tgħin lit-tfal jidentifikaw modi differenti kif jidentifikaw direzzjonijiet.<br>Mogħdija sensorjali (sensory path) tgħin lit-tfal jifhmu kif jistgħu jużaw is-sensi biex jorjentaw ruħhom meta jkunu barra.<br>Fl-aħħar tal-logħba, iddiskuti mat-tfal li bħall-bnedmin, l-għasafar jużaw mezzi differenti biex jorjentaw ruħhom. |
| **Osservazzjonijiet u esprimenti li jistgħu isiru ġewwa** | Mhux l-għasafar kollha jistgħu iqattgħu xitwa sħiħa f'Malta.<br>Is-sezzjoni **(S2/A/2)** tintroduċi r-raġunijiet għaliex l-għasafar ipassu fil-ħarifa. L-istorja għandha tiġi moqrija b'vuċi għolja, printjatha bi-Brailee jew tipa kbira għall-istudenti li huma partially sighted. Is-sezzjoni **(S2/A/3)** tirrifletti dwar kif id-dieta ta' għasfur tinbidel hekk kif jasal f'post fejn it-temp jkun iktar kiesaħ. | Tpinġija tat-triq li ħa t-tip ta' għasfur tal-passa li tkun għażilt, din l-attività tajjeb li ssir wara li tkun saret analiżi ta' mappa fejn fiha tkun urejt ir-rotot tal-passa taċ-Ċikonja Bajda u/jew tal-Ħuttafa **(S2/B/3)**.<br>Oħloq diskussjoni mal-istudenti dwar il-vajġġ taċ-Ċikonja Bajda lejn il-post fejn se tqatta' x-xitwa **(S2/B/5)**.<br>Għin lill-istudenti jippreparaw guide box. Jekk l-istudenti qed isibuha diffiċli, ikkunsidra li tagħtiha bħala xogħol għad-dar biex b'hekk ikollhom aktar ċans ifittxu biżżejjed informazzjoni dwar kull pajjiż.<br>Tkellem dwar dak li jaf ikun ta' theddida **(S2/B/6)** għall-għasafar tul il-vjaġġ migratorju tagħhom. |
| **Attivita' artistika** | **Fejn possibli**: plastic works depicting the keys of departing birds. | **Fejn possibli:** Fuq liżar, iżboħ biċċa minn contour map tad-dinja. Fuqha immarka l-postijiet fejn l-għasafar jieqfu fix-xitwa flimkien mar-ritratt tal-għasafar. |
| **Opportunitajiet għall-kitba u qari fil-lingwa** | Iġbed l-attenzjoni tat-tfal li isem iċ-Cikonja Bajda huwa differenti **(S2/A/4)** skont il-lingwa tal-pajjiżi li jkunu fir-rotta tal-passa tagħhom. Huwa għalhekk li x-xjentisti jużaw ismijiet Latini/xjentifiċi għall-għasafar. | **Jekk jkun possibli jsir kuntatt tramite Birdlife Malta:** niktbu ittra lil tfal oħra li jgħixu l-Lebanon fejn nitolbuhom joffru informazzjoni dwar iċ-Ċikonji. |
| **Opportunitajiet għall-Matematika** | Ngħoddu l-għasafar in the key.<br>Ngħoddu l-ġandar li jiġbor is-Sultan iċ-Ċawl fil-ħażna tax-xitwa.<br>Irrepeti l-kunċett tal-inqas, l-iktar u medja billi tuża l-ismijiet tal-għasafar li jiltiqgħu fix-xitwa. | In-numru ta' kemm għasafar passew. **(S2/B/7)** |
| **Logħob u kompetizzjonijiet** | Stieden lit-tfal jilgħabu bil-karti **(S2/A/5)**<br>- dan se jgħinhom jifhmu ċ-ċiklu tal-ħajja taċ-Ċikonja Bajda. | |

# INSEGWU L-PASSA TAL-GĦASAFAR FIL-ĦARIFA

**Linji gwida għall-għalliema:** L-attivita' tista' ssir b'modi varji. Jista' jkollok diskussjoni mal-istudenti, tista' wkoll torganizza mixja magħhom fejn tisimgħu l-għasafar huma u jtiru. Wieħed mit-topiks tajbin għall-konverżazzjoni jista' jkun ġej mill-osservazzjonijiet tal-qtajja' tal-għasafar huma u jitilqu. Nissuġerixxu li jintwerew stampi li juru qtajja' differenti ta' għasafar meta taħdem ma' studenti li huma partially sighted. Għin lill-istudenti jsibu d-differenzi.

## L-ewwel task. Tip ta' qtajja' ta' għasafar

L-għasafar li se jitilqu, jifformaw qtajja' differenti. Rappreżentazzjoni tagħhom tinsab hawn taħt.

1. Liema għasafar jifformaw qtajja'?
2. Ipprova sib id-differenzi bejniethom.
3. Iċ-Ċikonji Bojod itiru fi qtajja' jew le?

**Linji gwida għall-għalliema:** L-istampi li tuża għandhom ikollhom high contrast u m'għandhomx ikollhom wisq dettall. Fejn hu possibli, studenti neqsin mid-dawl għandhom ikollhom opportunita' jeżaminaw embossed images. Jekk embossed images ma jkunux addattati, forsi għax l-istudenti neqsin mid-dawl ikollhom diffikultajiet biex jifhmuhom, iffoka minflok, fuq deskrizzjoni verbali dettaljata. Tajjeb li tiċċekkja l-leġibilità ta' tactile pictures qabel il-lezzjoni ħalli tiddeċidi minn qabel jekk tużahomx jew taqbiżhomx.

- Wiżż
- Papri
- Grawwa
- Gallini tal-baħar
- Għasfur waħdu jitgħajjar fl-għoli fis-sema
- Qatgħa b'għamla irregolari. Din tista' tkun qatgħa ta' Sturnelli.

## It-tieni task: Mur mixja

**Linji gwida għall-għalliema:** Qabel tmorru l-mixja semma l-ilħna tal-wiżż, grawwa, sturnell, long-tailed tit, ċikonja bajda. Tista' tuża il-"Meet the Birds" app fuq il-mowbajl li tista' tniżżel minn fuq Google Play jew minn AppStore.

### Mistoqsijiet u Attivitajiet

1. Smajtu xi għasafar?
2. Tista' tidentifika vuċijiet ta' xi għasafar? Taf tuża l-app "Meet the birds" biex tagħrafhom?
3. Qed ipassu?
4. Taf issemmi xi sinjali karatteristiċi tal-passa tal-għasafar?
5. Fejn taħseb li se joqgħodu l-għasafar fix-xitwa?
6. Liema minn dawn l-għasafar jistgħu jkunu?

| Qed nisma twetwit jgħajjat | Qed nisma t-tawwat (honking) | Nista' nisma ħoss qawwi ta' grupp kbir ta' għasafar |
| --- | --- | --- |

They could be Cranes

They could be geese

They could be Starlings



(MK)



(JV)



(PX)







(MK)

Ducks

Grebes

Oystercatchers

## It-tielet task: Kif tinduna li l-għasafar qed jippreparaw għal titjira?

**Iddiskuti mal-istudenti:** Semmi mal-istudenti kif iġibu ruħhom ċerti speċi tal-għasafar fl-aħħar tas-sajf qabel ma jivvjaġġaw lejn il-postijiet fejn se jbejtu fix-xitwa: dawn jinġabru fi qtajja' u jissaħħu sabiex jippreparaw għall-sifidi li se jaffaċċaw. Filwaqt li ċ-Ċikonji l-Bojod u l-grawwi jiffurmaw qtajja' u jinġabru fi gruppi kbar fl-għelieqi u l-mergħat. Il-ħuttaf u l-ħawwiefa ssibhom fi qtajja' kbar bilqiegħda jpejzu (chirping) fuq il-linji tad-dawl. Is-soltu jagħmlu ħafna storjbu u jkun vera faċli biex tarahom. Il-ħuttaf iħobb ukoll jinġabar f'numri kbar fil-qasab, għax fihom isibu ħafna insetti x'jieklu qabel jivvjaġġaw.

# STORJA

Tom jgħix fil-kampanja. Fuq in-naħa l-oħra tat-triq, faċċata tad-dar tiegħu, fuq pylon, hemm bejta taċ-ċikonji. Taħt is-saqaf, hemm ukoll bejta tal-ħuttaf, magħmula minn tajn u tiben. Fil-ħin liberu tiegħu, Tom kien josserva l-ħuttaf jibnu l-bejta u ċ-ċikonji jirranġaw tagħhom. Kien jarahom ibidu l-bajd u jżoqqu lill-frieħ tagħhom. Kif is-sajf wasal fi tmiemu, Tom ħolom li ċ-ċikonja kienet qed titkellem mal-ħuttaf.

'Eh!' nehdiet iċ-Ċikonja. 'Kemm hu sew li t-tfal tagħna kibru issa u qed jitgħallmu jtiru. Iktar ma jmur, iktar qed issir diffiċli naqbad ikel bnin biex nieklu. Il-ħanex u l-bebbux jistaħbew, il-ħanfus naqsu u ġurdien tassew bi tqila (wiegħer) biex taqbdu.'

'Sew qed tgħid,' qablet magħha l-ħuttafa. 'Aħna għandna l-istess problema. Intiru bla waqfien u xorta nsibuha bi tqila biex insibu xi ħaġa. Ngħir għall-melvizz iswed għax bħalissa ssib ħafna frott. L-istess il-Gardell, per eżempju, dak isib ż-żerriegħa kull fejn ikun. Ara aħna, naħseb aħjar nibdew nippreparaw għall-vjaġġ…"

Iċ-Ċikonja ċekċket b'munqarha. 'Mhux biss l-ikel naqas, imma biex tgħaxxaq il-ġranet qed jiqsaru wkoll allura ma nibdiex nara u ma nkun nista' naqbad xejn.'

L-għada filgħodu, Tom ħareġ jiġri barra biex jara kif kienu l-ġirien għasafar tiegħu, imma l-bejtiet kienu vojta…

'Iċ-Ċikonji qegħdin f'laqgħa f'mergħa fil-qrib, kif jagħmlu s-soltu fi tmien is-sajf. Daqt jitilqu' ħaseb Tom. 'Issa jkolli nerġa nistenna sar-rebbiegħa li jmiss biex nerġa narahom.'

Almenu l-Ħuttaf jistenna sakemm jispiċċa s-sajf! Pero', diġà poġġew bilqiegħda fi gruppi fuq il-wajers tad-dawl, u żgur li qed jitkellmu dwar il-vjaġġ li jmiss fil-lingwa tal-Ħuttafa.

[Awtriċi: **Iwona Majcher**]

**Linji gwida għall-għalliema:** L-istorja għandha tiġi moqrija lit-tfal, b'vuċi għolja, tista' tkun printjata bil-Braille jew inkella printjata b'tipa kbira għal studenti li huma partially sighted.

# LOGĦBA TAL-ITTRI

**Linji gwida għall-għalliema:** L-ittri ta' taħriġ 1 għandhom jiġu printjati bil-Braille jew b'tipa kbira għal studenti b'partial vision.

**1a. Insibu ingredjenti li jifformaw parti minn dieta ta' għasfur**
Minn dawn il-grupp ta' ittri, oħloq kliem – ingredjenti fid-dieta ta' għasfur – u iktibhom.

**1b. Taħriġ alternattiv**
L-għalliema tagħmel lista ta' affarijiet differenti li fosthom ikun hemm ingredjent ta' dieta ta' għasfur.

Ħares lejn il-lista u sib liema minn dawn il-kliem huma ingredjenti ta' dieta ta' għasfur. Agħmel ċirku madwar it-tweġiba t-tajba jew iktibha.

Minn dawk l-ingredjenti li għażilt, agħżel dawk li ma jkunux disponibbli matul ix-xitwa.

Erasmus+

# ĊIKONJA F'LINGWI DIFFERENTI

L-ittri huma printjati bil-Braille jew b'tipa kbira għal studenti b'partial vision.

**Attivitajiet u Mistoqsijiet:**

1. Aqra l-isem "ċikonja" fil-lingwi differenti minn ftit mill-pajjiżi li minnhom jgħaddu l-għasafar tul ir-rotta tagħhom. Kont taf li Malta nsejħulha wkoll "Għernuq"?
2. Staqsi lill-istudenti jekk jiftakrux uħud mill-ismijiet.
3. Kien hemm xi ismijiet li sibt diffiċli biex taqra? Għala?

| REĠJUN | ĊIKONJA |
|---|---|
| English | Stork |
| Polish | Bocian |
| Czech | Čápbílý |
| Slovak | Bocian |
| Romanian | Barzăalbă |
| Bulgarian | Белиятщъркел |
| Irish | Corr Bhán |
| Turkish | Leylek |
| Arabic (Egypt) | لقلقأبيض |
| Scientific name | *Ciconia ciconia* |

**Aħseb:**

- Għala l-bioloġisti jużaw isem wieħed għal kull speċi?

Erasmus+

# IL-ĦAJJA TA' ĊIKONJA

Għalliema tista' tagħmel din l-attivita' f'żewġ modi:

**Option 1**
Ipprepara mazz karti b'deskrizzjonijiet qosra fuq avvenimenti varji miċ-ċiklu tal-ħajja taċ-Ċikonja Bajda, dawn għandhom ikunu printjati b'tipa kbira jew bil-Braille. Wara, staqsi lill-istudenti jqegħdu l-karti fi storja kronoloġika ta' ċikonja. L-istudenti jistgħu jiktbu din l-istorja fuq in-nowtbuks tagħhom.

**Idea ta' kif tista' tinqasam l-informazzjoni:**

1. Fir-rebbiegħa, iċ-Ċikonji Bojod qed jirritornaw lejn l-Ewropa mill-postijiet fejn bejtu tul ix-xitwa fl-Afrika.
2. Iċ-cikonji jibnu jew jirranġaw il-bejtiet tagħhom li jinsabu fuq xi siġra, fuq xi binja, on pylons jew fuq xi pjattaforma mibdnija apposta mill-bniedem.
3. Ċikonja mara u raġel jilqgħu 'l xulxin billi jħabbtu l-munqar tagħhom flimkien fil-bejta vojta.
4. L-għasafar ibidu l-bajd u jinkubawhom.
5. Iċ-Ċikonji adulti jitimgħu u jieħdu ħsieb lill-frieħ tagħhom.
6. Fl-aħħar tas-sajf l-għasafar adulti u l-frieħ jinġabru qabel ma jitilqgħu għax-xitwa.

**Option 2**
Ipprepara numru ta' cards kif propost f'1. Qassamhom mal-istudenti. Wara jibdlu posthom biex joħolqu storja billi jaqraw l-parti tagħhom lil xulxin.

Tista' taqsam l-istudenti fi gruppi żgħar – studenti fi grupp minnhom jkollhom cards bl-istess informazzjoni.

# LOGĦOB BARRA

## Iddisinja logħba li tintlagħab barra għall-istudenti

Fl-attivitajiet inkludi opportunitajiet fejn it-tfal jistgħu jiżviluppaw s-sens ta' orjentament u direzzjoni. Aħseb liema sensi jistgħu jużaw l-istudenti f'din il-logħba. Iddisinja attivita' li tinvolvi s-sens ta' xamm, smigħ u ħass.

1 Il-kunċett ta' ħjiel ġeografiki naturali għall-orientazzjoni għandha tiġi spjegata lit-tfal. Intom u tesploraw il-kampanja, l-għalliema għandha turi lil-istudenti neqsin mid-dawl MOSS ON A TREE/ROCK u titlobhom jiskopru jekk siġar jew blat differenti humiex miksijin bl-istess pjanta. Ħażiż dejjem jikber fil-parti tas-siġra li tkun tħares lejn it-Tramuntana jew inkella ssibu fuq blata separata.

2 L-għalliema tista' wkoll tipprepara lezzjoni dwar kif tagħti direzzjonijiet, b'hekk turi ħjiel li ssib fin-natura bħal per eżempju DIREZZONI TAR-RIĦ u l-POŻIZZJONI TAX-XEMX. Jekk l-istudenti jistgħu jaraw ix-xemx, dan għandu jkun eżerċizzju faċli għalihom. Għal dawk l-istudenti kompletament neqsin mid-dawl, tista' tiggwidahom fuq kif isibu x-xemx billi jużaw sensi oħra, eż. Is-sħana tax-xemx.

3 Tista' takkumpanja din il-lezzjoni bl-użu ta' KUMPASS elettroniku jew tactile.


(PX)

4 Intom u mexjin, l-għalliema tistaqsi lill-istudenti dwar RWEJJAĦ u ĦSEJJES li esperjenzaw. L-istudenti jirrispondu l-mistoqsijiet jew jimmemorizzaw kemm jifilħu.

5 Tista' wkoll torganizza logħba jisimha 'School of Smell' u tħalli t-tfal jiddistingwu bejn ir-riħa tan-nagħniegħ minn irwejjaħ oħra (tista' tuża essential oils).

## X'tista' tagħmel wara

1 Sir af fejn l-aħjar tħoss is-sħana tax-xemx f'ħinijiet differenti tal-ġurnata (filgħodu, nofsinhar jew filgħaxija).
2 Tista' wkoll: xi rwejjaħ tista' xxomm qrib id-dar tiegħek?
3 Huma differenti mill-irwejjaħ li xammejt meta kont fil-kampanja?

Erasmus+

# SENS T'ORJENTAMENT

**Ippjana dawn l-attivitajiet f'ġurnata xemxija f'nofsinhar!**

Li n-nies neqsin mid-dawl ikunu jafu direzzjonijiet ġeografiċi huwa tajjeb għax jgħinhom fl-orejentament u l-mobbilita', kif ukoll biex ikunu jistgħu jaqraw tacile maps.

## Preparamenti:

- Huwa rrakkomandat li jintużaw TACTILE MAPS (are l-istruzzjonijiet fl-ewwel paġna) sabiex tgħallem direzzjonijiet ġeografiċi fil-klassi u uża wkoll għajnuniet bħal TACTILE COMPASS jew kumpass fuq il-mowbajl.
- Ara li jkun hemm persuna oħra iżżomm bużżieqa minfuħa u qis li jkollu xi ħaġa biex biha jifqa' l-bużżieqa.

## Ideat għall-taħriġ

1 Wieħed għandu jispjega kif tagħti direzzjonijiet ġeografiċi lil tfal neqsin mid-dawl. L-aħjar ħin huwa nofsinhar meta x-xemx tkun qawwija, dan joħloq orjentazzjoni tajba anke għal studenti neqsin mid-dawl li hekk ikunu jistgħu jsibu x-xemx faċilment billi jħossu s-sħana tagħha. Spjega li l-pożizzjoni tax-xemx tinsab fin-NOFSINHAR. Id-direzzjoni opposta hija t-Tramuntana.

2 Ipprova agħti taħriġ sempliċi eż.: dur lejn il-Lvant u imxi ftit metri; jew: dur lejn in-Nofsinhar u imxi 6 passi. Fejn possibli: itlob lill-istudenti jżommu l-kumpassi f'idhom u għidilhom jiċċekkjaw kif iddur il-labra.

3 Tista' toħloq diskussjoni dwar id-direzzjonijiet polari tad-dinja u ssemmi xi dettalji dwar il-moviment tal-pjaneta tagħna.

4 Agħmel sinjal lil min qed iżomm il-bużżieqa biex jifqagħha – x'aktarx li l-istudenti jduru fid-direzzjoni minn fejn ġie l-ħoss. (Qis li tarmi l-bużżieqa u ma tħallihiex tiġri fil-kampanja!) Tkellem mal-istudenti u fehmhom kif permezz tas-sens ta' smigħ, setgħu jisimgħu l-ħoss tal-bużżieqa tinfaqa. Iġbdilhom l-attenzjoni fuq il-fatt li kulħadd dar lejn id-direzzjoni minn fejn oriġina l-ħoss.

5 Finalment, spjega lit-tfal li hekk kif aħna nużaw is-sensi tagħna, hekk ukoll l-għasafar jużaw is-sensi biex jinnavigaw id-dinja billi jużaw elementi differenti fin-natura u fenomeni naturali (temp, temperatura u magnetic fields).

# MOGĦDIJIET SENSORJALI

Tista' torganizza l-attivitajiet f'iktar minn mod wieħed:

**A.** Intom u mexjin fil-kampanja, għalqa jew spazju ieħor miftuħ fl-inħawi tal-iskola, staqsi lill-istudenti biex joqgħodu attenti għal x'jistgħu jipperċepixxu mis-sensi huma u għaddejin mill-kampanja: imissu, ixommu u jisimgħu. Dawk li jistgħu jaraw jistgħu jużaw għajnejhom biex jiġbru iktar informazzjoni.

Fi tmiem il-mixja agħmel sommarju mat-tfal dwar dak li esperjenzaw u tgħallmu dwar in-natura.

**B.** Jekk huwa impossibli li toħroġ barra, ġib elementi tal-kampanja fil-klassi u ddisinja 'mogħdija sensorjali' x'imkien fl-iskola sabiex it-tfal jkunu jistgħu jużaw sensi differenti. Tista' titfa xi ħsejjes fl-isfond sabiex l-istudenti jesperjenzaw in-natura.

## Is-sens tal-ħass

- Iġbor diversi materjali bħal ġebel, ramel, prinjoli, ħaxix, ilma, qoxra taz-zokk, zkuk tas-siġar, qastan, friegħi. Poġġihom fuq mejda fil-klassi jew fuq kurta mal-art. Huwa important li tfal li jistgħu jaraw jagħmlu din l-attivita' b'għajnejhom magħluqin jew magħmmda.
- Itlob lil kull tifel u tifla iħossu l-oġġetti u jagħżlu wieħed (jew iktar) skont dawn xi kriterija li tkun tlabthom inti eż.: hija raffa jew fina, twila, qasira, rqiqa, ħoxna, mxarrab, tond eċċ. Ħallihom jippruvaw jaqtgħu jew jiddeskrivu jew isemmu l-oġġett li għażlu.
- Tista' tagħmilha iktar diffiċli billi tilobhom isibu oġġett skont żewġ kriterji eż.: hija raffa u tonda, eċċ.

## Is-sens tax-xamm

Tista' titfa ħwawar differenti f'basktijiet jew boroż (kull wieħed separate) to tħeġġeġ lit-tfal iħossuhom u jiddistingwu bejn l-irwejjaħ.

## Is-sens tas-smigħ

Isma b'attenzjoni il-ħsejjes madwarek, tkellem dwarhom u uri minn fejn ġejjin.

Fi tmiem il-lezzjoni, iddiskuti mal-istudenti dwar mezzi kif l-għasafar (u anke l-bnedmin) jorjentaw ruħhom billi jużaw is-sensi flimkien ma' elementi oħra fl-ambjent.

# MAPEP TAL-PASSA: IL-ĦUTTAF U Ċ-ĊIKONJA BAJDA

Iġġekkja x'rotta jieħdu ċ-Ċikonja Bajda u l-Ħuttafa biex jivvjaġġaw lejn il-post fejn se jqattħu ix-xitwa.

L-għalliema tista' tipprepara tactile map (ara kif fl-ewwel paġna) li turi r-rotta ta' ċikonja jew ħuttafa. Ftakar li tactile picture m'għandux ikollha ħafna dettall, u li r-rotta għandha tikkuntrasta sew ma dan li jkun hemm fl-istampa.

Inkella, l-għalliema tista' tpinġi r-rotta hi jew tispjegaha bi kliem. Sebbaħ r-rakkont jew l-ispjegazzjoni tiegħek billi żżid dawn id-dettalji: veloċita' massima, kemm il-jum iddum ċikonja biex tasal mill-pajjiż sal-Afrika, xi waqfiet tul it-triq, eċċ.




Rotta migratorja tal-Ħuttafa




Rotta migratorja taċ-Ċikonja Bajda

(MK)

# ĊIKONJA BAJDA – IL-VJAĠĠATRIĊI

## Linji Gwida għall-għalliema:

- Għin lill-istudenti jippreparaw guide box għal kull pajjiż. Jekk dan ikun difiċli wisq, ikkunsidra li tagħtih bħala xogħol dħad-dar sabiex b'hekk ikollhom iktar ċans ifittxu informazzjoni dwar kull pajjiż.
- Jekk l-istudenti jridu jaqraw, ftakar biex tipprintja bil Braille jew tuża tipa kbira.

Din hija ittra li ħallitilna ċ-Ċikonja:

*Għeżież tfal!*

*Il-ġranet qed jiqsaru u t-temp qed jiksaħ. Qed insibha iebsa biex insib l-ikel. Il-kuġini tiegħi qaluli li meta jispiċċa s-sajf hawn, tibda r-rebbiegħa fl-Afrika, u hemmhekk insib l-ikel favorit tiegħi. M'hemmx mod ieħor – iddeċidejt li nitlaq. Se jkolli ċ-ċans inżur pajjiżi oħra. Trid tkun taf liema? Għadni ma nafx għalissa, imma ħaġa waħda naf – żgur miniex se ngħaddi minn ħdejn il-baħar. M'hemm xejn aħjar milli nuża l-kolonni tal-arja jien u ntir. Dawn jgħinuni nitla' 'l fuq u mbagħad jiftaħ ġwenħajja bilmod il-mod u nigglajdja...sakemm ma nerġa niltaqa ma' kolonna tal-arja oħra. Aħ! Mhux li mank kelli gwida tal-ivajġġar miegħi, kieku jkolli iktar kuraġġ biex nibda l-vjaġġ tiegħi. Forsi inti tista' tgħinni nagħmel il-vjaġġ b'mod sigur? Qed nippjana li nerġa niġi lura fir-rebbiegħa.*

***Dawn huma l-vantaġġi li għandi bħala vjaġġatriċi:***
*Jien b'saħħti*
*Għandi ġwienaħ kbar*
*Nista' niddefendi ruħi bil-munqar*
*Kont qed niekol ikel tajjeb Malti, allura jien b'saħħti u mimli enerġija*
*Nista' nagħmel vjaġġi twal.*

## X'se jkollok bżonn

- mappa tal-vjaġġ taċ-Ċikonja
- Leptop jew PC b'internet connection
- gwidi għat-turisti għall-Eġittu u t-Turkija
- fuljetti tal-aġenziji tal-ivjaġġar
- nitkellmu ma' adulti
- forsi l-esperjenzi tiegħek?

## Attività u Mistoqsijiet:

1. Tkellem mat-tfal u ara jekk hemmx xi ħadd minnhom qattx żar xi pajjiż li jinsab fir-rota li tieħu ċ-Ċikonja.
2. Ipprova sib 3 waqfiet fil-vjaġġ taċ-Ċikonja fuq il-mappa, eż.: it-Turkija, l-Eġittu u ż-Żambja.
3. Oħloq 3 gruppi, kull grupp jirrappreżenta pajjiż.
4. Kull grupp jikkrea 'guide-box', fejn jinkludu informazzjoni bħal – ritratti, ħwejjeġ etniċi, annimali, pjanti eċċ.
5. Wissi liċ-Ċikonja dwar xi problemi jew perikli li tista' tiltaqa' magħhom tul it-triq.

# PERIKLI TUL IT-TRIQ

Ipprepara cards u niżżel xi perikli. Tista' tikteb l-isem biss fuq il-cards.

Ippreżentahom lill-istudenti u ibda diskussjoni.  Huwa importanti li tenfasizza dak li jistgħu jagħmlu biex jgħinu lill-għasafar.



(MK)

LINJI TAD-DAWL



(MK)

KAĊĊATURI



(MK)

TWIEQI U LQUGĦ AKWISTIKU TAT-TOROQ



(MK)

KUNDIZZJONI TAT-TEMP ESTREMI



(MK)

NUQQAS TA' IKEL



(MK)

PREDATURI



(MK)

WIND FARMS



(PX)

TNAQQIS TA' POSTIJIET FEJN JISTGĦU JISTRIEĦU U JISTKENNU





# BIRD RECORD-BREAKERS

**Linji gwida għall-għalliema**

- Tista' ġġib kalendarji biex tgħin lill-istudenti jwieġbu l-mistoqsijiet.

**1. Matul il-passa tal-ħarifa, l-għasafar jivjaġġaw distanzi twal. Kuljum jivjaġġaw:**

- Il-Ħuttafa: 100km
- Il-Ħuttafa record-breaker: 300km

- Iċ-Ċikonja Bajda: 200km
- Iċ-Ċikonja Bajda record-breaker: 500km

Kemm idumu biex jaslu fid-destinazzjoni tagħhom fl-Afrika jekk qegħdin 6,000Km bogħod mill-bejta tagħhom?

**2. Il-vjaġġ lejn l-Afrika jieħu l-Ħuttafa 6 ġimgħat.**

Jekk jitlaq it-Tnejn, f'liema ġurnata jasal fid-destinazzjoni tiegħu?

Kemm il-nhar t'Erbgħa se jkun hemm tul il-vjaġġ tiegħu?

Erasmus+

These materials for teachers working with blind and visually impaired children have been prepared within the project “Seeing the World Through Nature.” These are based on the educational resources that resulted from the project “Empowering Teachers and Pupils for a Better Life Through Nature,” and the suggestions contained therein have been adapted to work with children with impaired vision in order to enable them to learn as much as possible about nature through direct contact with it.

Non-governmental organisations involved in bird protection, partners in international federation BirdLife International, participated in the project. The Polish Society for the Protection of Birds (OTOP) was the leader of this educational initiative, which also involved the associations BirdWatch Ireland, BirdLife Malta and BirdLife Cyprus. The Polish Association for the Blind was the partner cooperating in the field of adaptation of source materials for the needs of teaching blind and visually impaired children.

Both projects were carried out with the financial support of the European Commission (Erasmus+ programme).

## AUTHORS:

**CONCEPT AND TEXT OF MATERIALS PREPARED WITHIN THE FRAMEWORK OF THE PROJECT, “EMPOWERING TEACHERS AND PUPILS FOR A BETTER LIFE THROUGH NATURE”:**
Iwona Majcher
Katarzyna Rosińska
Ryta Suska-Wróbel

**COVER DESIGN AND GRAPHICS ON THE COVER:**
Wiktor Tabak

**ILLUSTRATIONS:**
Juan Varela (JV)
Marek Kołodziejczyk (MK)

**PHOTOGRAPHS:**
Bogdan Moczarski (BM)
Cezary Korkosz (CK)
Iwona Majcher (IM)
Jadwiga Moczarska (JM)
Karolina Kalinowska (KK)
Łukasz Zdyb (ŁZ)
Natalia Kann (NK)
Pixabay (px)



BIRDWATCH IRELAND is the largest independent conservation organisation in Ireland. A registered charity, its aim is the conservation of wild birds and their natural habitats. It has over 15,000 members and a network of 30 local branches. It manages nature reserves which protect threatened habitats and their wildlife, works to conserve Ireland’s biodiversity, and carries out education, survey and research work. For more information, go to www.birdwatchireland.ie